BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA



# Muniti tad-Deheb

## 2020-2029

MALTA COIN CENTRE

**Malta Coin Centre**
Bank Ċentrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT1060
Malta
**(+356) 2550 6006/7/8**
**https://www.maltacoincentre.com/**
**customercare@maltacoincentre.com**

# Il-Gradwali ta' L'Isle Adam




**2020**

| Tip | Deheb Proof |
|---|---|
| Denominazzjoni | €50 |
| Dijametru | 21mm |
| Piż Gross | 6.5g |
| Finezza | 0.916 |
| Disinjatur | Royal Dutch Mint |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 400 |

Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ muniti numiżmatiċi tad-deheb u l-fidda li juru ittra illuminata mill-Gradwali ta' L'Isle Adam. Il-muniti jiffurmaw parti mill-Europa Programme bit-tema 'Gotiku' u għandhom il-marka tal-logo tal-Europa Star.

In-naħa ta' quddiem tal-muniti turi l-istemma araldika ta' Malta u l-logo tal-Europa Star. In-naħa ta' wara tal-muniti turi l-ittra illuminata 'O' misjuba fil-Gradwali ta' L'Isle Adam, li jinsabu fil-mużew tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Intużaw tekniki tal-istampar bil-kulur fuq il-muniti sabiex jipproduċu l-kwalitajiet kromatiċi u estetiċi tax-xogħol oriġinali.

Il-Gradwali ta' L'Isle Adam, li jmorru lura għas-sena 1533, jitqiesu li huma l-ifjen manuskritti illuminati ta' Malta. Dawn jikkonsistu minn sett ta' għaxar kotba għall-korijiet ikkommissjonati minn skrittorju Franċiż tal-Gran Mastru Philippe Villiers de L'Isle Adam. Dawn il-gradwali ġew prodotti xi żmien wara l-bidu tal-istampar, bil-Bibbja ta' Gutenberg tal-1455 isservi bħala eżempju ċar. Dan jirrifletti l-kumplessità tal-istampar ta' partituri tal-mużika, li assigura li l-produzzjoni ta' manuskritti ta' kotba għall-korijiet – primarjament bl-użu ta' tekniki medjevali – baqgħet ħajja fis-seklu sittax.